# TALBA TAL-FIDILI

## TNEJN TAT-28 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Li tilqa' lil Ġesù f'ħajtek ifisser li tobdi l-kelma tiegħu u tgħix skond it-tagħlim tiegħu, mingħajr ma tippretendi mirakli u sinjali biex tkun żgur mill-preżenza tiegħu li ssalvak. Nitolbu biex nitgħallmu nfittxu lil Ġesù b'sens ta' ubbidjenza u fidi:
R/. *Mulej, agħtina li nilqgħuk bil-fidi.*

1. Għal dawk kollha li rċevew il-magħmudija f'isem Kristu, biex juru bl-għemejjel ta' ħajjithom li huma jilqgħuh bla ebda kundizzjoni bħala l-Feddej u s-Salvatur tal-umanità, nitolbu. R/.

2. Għal kull min jinqeda bil-flus jew poter biex jagħmel għeġubijiet u jiġbed bnedmin għal warajh, biex jagħraf li l-kburija hi opra tax-xitan u li kull idolatrija u maġija tal-poter huma gideb u qerq, nitolbu. R/.

3. Għal min jinsab dubjuż fil-fidi, għal kull min jixtieq jiskopri l-verità, biex ma jsibx min ifixklu imma pjuttost min jagħtih kuraġġ bil-kelma u l-eżempju tax-xhieda tiegħu favur Kristu, nitolbu. R/.

4. Għall-morda li jixtiequ l-fejqan, biex jemmnu li l-mirakli huma frott tal-fidi u jitgħallmu jintelqu b'fiduċja f'idejn ir-rieda ta' Alla, nitolbu. R/.

5. Għalina biex ma ninqdewx bil-libertà ta' wlied Alla biex nagħmlu l-ħażin, imma pjuttost biex naħdmu għat-tajjeb favur ħutna billi nirrispettaw il-libertà ta' wlied Alla li huma wkoll igawdu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Agħtina, Mulej, qalb umli li taf tiċċekken quddiem il-kobor tar-rieda divina tiegħek. Tħalliniex naqgħu fit-tentazzjoni li nfittxu mirakli u soluzzjonijiet faċli li jnessuna r-realtà tas-salib ta' Kristu li fih insibu l-veru ħelsien tagħna. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# **TLIETA TAT-28 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA**

*Ċel:* Il-karità vera hi dik li toħroġ mill-qalb u tnaddaf u ssaffi l-intenzjonijiet tal-bniedem. Alla jħares lejn il-qalb u jrid il-ħniena u mhux is-sagrifiċċju. Nitolbu u ngħidu:
R/. *Naddaf lil qlubna bi mħabbtek, Mulej*.

1. Wassal lill-Knisja biex tagħti xhieda ta' mħabba sinċiera u ġeneruża li tidher mhux fl-osservanza ta' preċetti u liġijiet, imma fil-primat tal-karità li toħroġ minn qalb safja, nitolbu. R/.

2. Agħti kuraġġ fil-ħidma tagħhom ta' promozzjoni umana lil dawk kollha li jaħdmu fil-volontarjat favur il-foqra tad-dinja, nitolbu. R/.

3. Wassal lill-mexxejja politiċi u lil min għandu f'idejh il-ġid ekonomiku biex ma jarmux il-prodotti meħtieġa biex jinqered il-ġuħ bl-iskop li ma jitilfux il-profitti bil-liġijiet inġusti ta' suq kompetittiv, nitolbu. R/.

4. Ipprovdi l-karità permezz ta' qlub ġenerużi lil dawk li fis-soċjetà tagħna huma batuti jew waħedhom u lil dawk il-familji li għaddejjin minn diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja, nitolbu. R/.

5. Għallimna nużaw tajjeb il-libertà ta' wlied Alla li ksibna fil-magħmudija tagħna, biex noqogħdu għal-liġi tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, il-kelma tiegħek hi ħajja u qawwija, u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb. Dawwalna bil-Kelma tiegħek li tagħmilna ħielsa biex ngħixu fil-karità tal-qalb li inti tajtna xhieda tagħha bil-ħajja u l-ministeru tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ERBGĦA TAT-28 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù jċanfar lill-Fariżej u lid-dutturi tal-liġi minħabba l-ipokrisija tagħhom li biha riedu jidhru ġusti quddiem in-nies u mhux quddiem Alla. Nitolbu biex aħna ngħixu l-fidi tagħna b'intenzjoni safja u nqiegħdu l-opri tal-ġisem taħt il-qawwa tal-frott tal-Ispirtu:
R/. *Mexxina bl-Ispirtu Qaddis tiegħek, Mulej*.

1. Dawwal lill-mexxejja tal-Knisja biex il-ħajja tagħhom tkun taqbel mal-messaġġ evanġeliku li jxandru u biex ikunu huma l-ewwel nies li jagħtu eżempju ta' fedeltà għall-kmandamenti, nitolbu. R/.

2. Ħares lil min għandu responsabiltà politika biex jevita l-ipokrisija u biex ma jittollerax leġislazzjoni li toħloq diskriminazzjoni u tinkuraġġixxi l-korruzzjoni ta' min għandu qawwa u mezzi li jużahom għal skopijiet tiegħu, nitolbu. R/.

3. Iddefendi d-drittijiet ta' dawk li jsofru mill-prepotenza ta' min jaħkem f'sitwazzjonijiet fejn isiru abbużi ta' persuni fuq pretesti ta' reliġjon falza, nitolbu. R/.

4. Bierek lill-morda li fit-tbatija tagħhom isallbu lil ġisimhom bil-passjonijiet u x-xewqat tiegħu, u agħtihom kuraġġ biex jissaffew bil-qawwa tas-salib ta' Ġesù, nitolbu. R/.

5. Tħalliniex naqgħu skjavi tal-għemejjel tal-ġisem, biex nakkwistaw il-frott tal-Ispirtu li jagħmilna tassew liberi, nitolbu. R/.

*Ċel:* Nissel fi qlubna, Mulej, ir-rieda li naqduk b'qalb safja, ħalli bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħek ngħixu fl-imħabba, fil-ferħ, fil-paċi, fil-ħlewwa, fit-tjieba, fil-fedeltà, fl-umiltà u fir-rażan tal-ġisem u noqogħdu għar-rieda tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ĦAMIS TAT-28 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù mill-ġdid jikkundanna l-ipokrisija tal-imgħallmin tal-liġi, li ma ħallewx lin-nies jiskopru l-qawwa tal-għerf li jiġi mill-Kelma ta' Alla. Nitolbu biex aħna niskopru l-veru għerf spiritwali f'ħajjitna u naqsmuh ma' ħutna:
R/. *Dawwalna bil-għerf tal-Kelma tiegħek, Mulej.*

1. Biex il-ministri tal-Knisja jkunu disponibbli biex iqassmu lil ħuthom il-ħobż tal-Kelma ta' Alla u tal-ħniena infinita tiegħu, nitolbu. R/.

2. Biex dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali japplikaw b'mod ġust il-liġijiet ċivili u fl-istess ħin jgħinu lil min jiżbalja biex wara l-korrezzjoni meħtieġa jerġa' jsib postu fis-soċjetà, nitolbu. R/.

3. Biex min iħossu bla tama quddiem problemi jew mard ikompli jemmen fil-qawwa ta' Kristu li għażilna miegħu sabiex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba, nitolbu. R/.

4. Biex it-trabi li jirċievu s-sagrament tal-magħmudija jikbru f'ambjent familjari li fih huma jsiru verament ulied adottivi ta' Alla bl-eżempju ta' ħajja qaddisa tal-ġenituri tagħhom, nitolbu. R/.

5. Biex quddiem il-verità tal-Evanġelju, ma nibżgħux nagħtu xhieda għal Kristu wkoll meta niġu quddiem il-persekuzzjoni ta' min ma jifhimx jew jopponi l-messaġġ nisrani, nitolbu. R/.

*Ċel:* Missier qaddis, inti ssejħilna fi Kristu biex inkunu qaddisa u bla tebgħa fl-imħabba. Agħtina li nilqgħu l-Kelma li ssalvana u nakkwistaw l-għerf spiritwali li naqsmu b'ġenerożità ma' ħutna bil-għatx għall-verità. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# ĠIMGĦA TAT-28 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-fiduċja f’Alla tnissel kuraġġ biex wieħed jagħti xhieda għal Kristu ukoll fil-beraħ quddiem id-dinja. Nitolbu biex nieħdu bis-serjetà s-sejħa tagħna li nuru l-fidi tagħna quddiem dawk kollha li jitolbuna raġuni tagħha:
R/. *Għallimna nagħtu xhieda għalik, Mulej.*

1. Agħti kuraġġ lill-Papa u lill-isqfijiet fix-xhieda li jagħtuk permezz tal-kelma u l-eżempju ta’ ħajjithom, biex il-Knisja tidher tassew bħala dawl tal-verità quddiem id-dinja, nitolbu. R/.

2. Saħħaħ fil-fehma tagħhom lil dawk l-insara li huma ippersegwitati minħabba l-fidi tagħhom minn gvernijiet intolleranti jew minn fundamentalisti li jxerrdu l-vjolenza f’isem ir-reliġjon, nitolbu. R/.

3. Immarka bis-siġill tal-Ispirtu Qaddis tiegħek lill-adolexxenti li qed iħejju ruħhom biex jirċievu l-griżma tal-Isqof, u biex il-familji tagħhom u l-komunità nisranija in ġenerali jkomplu jgħinuhom jikbru fil-fidi, nitolbu. R/.

4. Ipproteġi lit-tfal u lill-persuni dgħajfa mill-ipokrisija ta’ min jisfrutta l-innoċenza tagħhom għal skopijiet ta’ qliegħ bl-iskuża li jġib ’il quddiem id-drittijiet tagħhom, nitolbu. R/.

5. Imliena b’sens ta’ fiduċja fil-providenza tiegħek, biex nemmnu li inti tieħu ħsiebna u tħarisna dment li ngħixu fid-dawl tal-verità tiegħek, nitolbu. R/.

*Ċel:* Ħa tkun fuqna, Mulej, il-grazzja tiegħek, għax aħna nittamaw fik, int li ġejt fid-dinja biex tidher bħala difensur ta’ dawk li jfittxu l-verità u l-paċi u jafdaw biss fil-providenza tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta’ dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# SIBT TAT-28 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù jwiegħed il-ferħ tiegħu lil dawk li ma jintrabtux mal-ġid tal-art, imma jfittxu s-saltna tas-sema. Nitolbu li aħna jkollna din il-libertà evanġelika u nuruha fl-għażliet ta' ħajjitna:
R/. *Agħtina qalb ħielsa, Mulej.*

1. Agħti lill-Knisja tiegħek il-libertà vera tal-ispirtu, biex ħielsa minn kull xkiel u rabta mal-qawwa jew mal-ġid, tkun tista' taqdi bil-ferħ il-missjoni tagħha fid-dinja, nitolbu. R/.

2. Tħallix li n-nazzjonijiet għonja jingħalqu fis-sigurtà biex jaħżnu l-ġid ekonomiku u jinsew il-miljuni ta' persuni umani li qed imutu bil-ġuħ f'pajjiżi foqra, nitolbu. R/.

3. Bierek il-ġenerożità ta' kull min juża l-ġid li għandu biex itaffi l-miżerja u jaqsam ir-riżorsi tiegħu ma' ħutu biex itejjeb il-livell ta' ħajja tagħhom, nitolbu. R/.

4. Inti li tajtna l-ħajja vera meta konna mejta minħabba dnubietna, uri l-kotra tal-ħniena tiegħek lill-midinbin u ressaqhom lejn imħabbtek, nitolbu. R/.

5. Tħalliniex naljenaw ruħna fid-divertiment ta' ħajja li tgħaddi u ninsew il-veru skop tal-valuri spiritwali fil-mixja tagħna lejn is-sema, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti urejtna l-għana tal-ħniena tal-Missier fis-sagrifiċċju waħdieni tiegħek fuq is-salib. Agħtina li nduqu l-frott tal-fidwa tagħna billi nagħmlu l-esperjenza tal-ġenerożità tal-maħfra tiegħek u nifthu qalbna lejn ħutna bl-istess sentimenti, biex nakkwistaw il-vera libertà li ġġib il-ferħ f'ħajjitna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ID-DISA’ U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Alla jagħti widen għat-talba ħerqana ta’ dawk li jittamaw fih. Hu lest li jgħinna fid-diffikultajiet tagħna u jagħmel ġustizzja magħna jekk it-talb tagħna jkun sinċier u frott tal-ubbidjenza tagħna għar-rieda tiegħu. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Agħmel ġustizzja mal-fqajrin tiegħek, Mulej.*

1. Isma’ t-talba tal-Knisja tiegħek biex tħares lill-poplu tiegħek minn kull periklu u turi ġustizzja u mħabba ma’ dawk li jemmnu fik, nitolbu. R/.

2. Għin lir-ragħajja tal-Knisja biex ixandru l-Kelma tiegħek b’fedeltà u insistenza, u jieħdu ħsieb tal-poplu qaddis tiegħek bl-impenn pastorali tagħhom, nitolbu. R/.

3. Agħti widen għall-karba tal-foqra li jsofru inġustizzji minn min jaħqarhom f’sitwazzjonijiet fejn ma hemmx rispett għad-dinjità tal-bniedem, anke f’pajjiżna, nitolbu. R/.

4. Bierek lir-romol li iddedikaw ħajjithom għall-kura tal-familja u għall-karità mal-proxxmu, u għinhom jikkonsagraw ħinhom biex jitolbu għall-ħtiġijiet tal-bnedmin, nitolbu. R/.

5. Għinna nitgħallmu l-valur tat-talb li bih inħabbtu b’insistenza fuq il-bieb tal-ħniena tiegħek, biex meta tiġi ssibna nishru bil-fidi, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, bl-idejn merfugħin tal-qaddej tiegħek Mosè inti tajt ir-rebħa lill-poplu tiegħek. Ħares lill-Knisja tiegħek miġbura fit-talb; agħmel li l-poplu tiegħek jikber fis-servizz tat-tajjeb u jirbaħ il-ħażen li jhedded id-dinja, fl-istennija tas-siegħa li fiha inti tagħmel ġustizzja ma’ dawk li jemmnu fik. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 8 u 11 ta’ Ottubru
## FESTA TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KATTIDRAL TA’ MALTA U TA’ GĦAWDEX

*Ċel:* Il-knisja kattidrali li fiha l-isqof jippresjiedi l-liturġija tal-Knisja lokali hi x-xbieha tat-tempju qaddis ta’ Alla magħmul mhux minn ġebel materjali imma minn dawk li huma ikkonsagrati bl-ilma u bl-Ispirtu s-Santu, minna lkoll bħala komunità ta’ fidi, tama u mħabba. Nitolbu biex bil-ħajja qaddisa tagħna aħna nibnu l-Knisja u ngħidu:
R/. *Qaddisna fl-għaqda mal-Knisja tiegħek, Mulej.*

1. Għall-isqof tagħna N., biex tħarsu fil-missjoni tiegħu ta’ ragħaj spiritwali ta’ ruħna u fl-impenn tiegħu favur il-verità u l-għaqda fl-imħabba ta’ dawk kollha li jemmnu fi Kristu, nitolbu. R/.

2. Għal kull min ifittex il-verità u l-ġustizzja, biex isib fil-Knisja tiegħek id-disponibilità għad-djalogu miftuħ u kordjali li jwassal għal armonija ukoll fejn hemm fehmiet differenti, nitolbu. R/.

3. Għall-membri sofferenti u foqra fil-komunitajiet parrokkjali, biex isibu fl-insara u fil-Knisja bħala istituzzjoni l-għajnuna meħtieġa biex itejjbu l-qagħda tagħhom materjali, imma fuq kollox dik spiritwali, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li jaħdmu f’opri ta’ arti sagra, biex jiġu mdawwlin minn spiritwalità awtentika u minn kriterji pastorali fil-produzzjoni ta’ opri artistiċi li jżejjnu l-knejjes tagħna, nitolbu. R/.

5. Għal dawk l-insara li jgħixu f’pajjiżi li fihom hu projbit li jkun hemm knejjes jew kult pubbliku, u fejn mhumiex tollerati l-valuri tal-libertà u l-espressjoni reliġjuża Kristjana, nitolbu. R/.

6. Għalina, biex noffru qima liturġika dinjituża li ma tkunx frott ta’ drawwiet esterni jew ta’ esibizzjoni popolari, imma frott ta’ esperjenza profonda ta’ fidi u ta’ impenn ta’ karità, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, int trid tgħammar fil-post tat-talb li fih il-Knisja tiegħek tidher fix-xbieha tat-tempju bħala komunità ta’ mħabba, agħtina li nqimuk tassew fl-ispirtu u l-verità u nsiru tempju qaddis tal-Ispirtu tiegħek li jgħammar fina. Bi Kristu Sidna.
R/. Amen.